Minuti tat-30 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 14 ta' Jannar, 2015.
Il-laqgha nbdiet hin 1.10pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-~~28 u tad-29~~ 30 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.2 Emanuel Muscat staqsa dwar punt numru 6.13 tal-Minuti tat-28 laqgha fejn saret diskussjoni dwar tpoggija ta' materjal gewwa l-garage tal-kazin tal-PN. Huwa staqsa dwar x'prezz kien mitub. Gie spjegat li m'hemmx prezz ghax ikun ghad irid isir arrangement u dan jiddependi dejjem jekk ser nigu bzonn nuzaw dan il-post jew le.

**2.0 Budget**

2.1 Is-Sindku spjega li gie ippreparat draft budget ghas-sena 2015. Saret diskussjoni ukoll dwar id-data ghal-Laqgha Annwali fejn il-Kunsill qabel li din ghandha issir nhar il-Erbgha 18 ta' Frar, 2015 fis-6pm.

Gie spjegat li l-allokazzjoni ghal din is-sena tammonta ghal €211,802 li kien jinkludi zieda ta' €6000 iktar mis-sena l-ohra.

Carmen Vella dahlet ghal-laqgha fis-1.15pm.

Is-Sindku qara s-sezzjoni tal-Personal Emoluments fejn gie spjegat li dan kien jinkludi ukoll tac-CIES fejn dan jigi *reimbursed* kollu apparti l-parti tal-bolla tal-*Employer* li trid tithallas mill-Kunsill.

Anthony Camilleri talab li jigi skuzat u hareg mill-kamra.

Gie spjegat ukoll li issa li Christina Camenzuli bdiet bhala Executive Officer il-paga taghha li tircievi minghand id-Dipartiment tal-Libreriji ser tinghata lill-Kunsill.

Fir-rigward tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-latrini pubblici, l-Gvern ghadu qed jirrifjuta milli jhallas dawn il-kontijiet u ghalhekk dawn iridu jithallsu mill-budget tal-Kunsill ghall-ammont li jista' ilahhaq €9,000.

Anthony Camilleri dahal lura fil-kamra fis-1.18pm.

Is-Sindku aggorna lil Anthony Camilleri u spjega li dan huwa *provision*.

Gie spjegat li mall-Kunsill beda jahdem haddiem gdid taht l-iskema ta' l-ETC li kien Jake Caruana u fil-prezent qieghed jaqta' l-haxix u jaghti l-bexx fejn qed juza l-ghodda tieghu. Gie spjegat li giet mitluba kwotazzjoni ghal xiri ta' grass cutter u pompa tal-bexx. Peress li fil-prezent qed juza l-ghodda tieghu dan irid jithallas ta' l-uzu. Il-Kunsill qabel li ghandu jithallas.

Gie spjegat li fir-rigward tal-progetti kapitali dan jista' jkun hemm xi bdil peress li ghad irid jigi identifikat is-sitwazzjoni finanzjarja la darba jinghalqu l-*accounts*. Il-budget ser jigi iffinalizzata wara li ssir l-laqgha Annwali fi Frar.

Anthony Camilleri staqsa jekk il-hitan tas-sejjieh ta' Triq Wied ir-Raghab humiex ser jitrangaw bhala parti mill-progett taht il-Mizura 125. Gie spjegat li dawn mhux ser jigu inkluza u ser jitnehhew u jrid jinstab sit iehor fejn jitpoggew Anthony Camilleri isugerixxa fiz-zona ta' fejn il-kamra tan-nar. Il-Kunsill qabel li jintalab permess lill-MEPA pero' qabel tigi diskussa mall-Perit.

Fir-rigward tat-toroq taht l-iskema tal-PPP ghas-sena 2015, is-Sindku isugerixxa li jsiru Triq San Dimitri u l-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba. Emanuel Muscat staqsa dwar il-parti ta' Triq Birbuba hdejn it-transformer. Is-Sindku ikkonferma li x-xogholijiet f'din iz-zona ser isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex. Xogholijiet ohra li jistghu jsiru iridu jigu identifikati dipendenti mill-*funding*. Anthony Camilleri staqsa jekk il-parti tat-triq fejn il-Pjazza tistax tigi inkluza max-xogholijiet ta' Triq Birbuba. Is-Sindku spjega li din il-parti qatt ma saret peress li l-korporazzjoni Enemalta trid tghaddi cable minn diversi toroq u dan ma setghax isir sal-gurnata minhabba l-eghluq ta' Triq ta' San Lawrenz.

Gie spjegat li l-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd diga ghandu LA sabiex isiru ix-xoghlijiet u diga dahal f'diskussjonijiet mall-Kunsill fir-rigward tax-xogholijiet.

Il-Kunsilliera gew mitluba sabiex jghaddu l-proposti taghhom ghall-budget ta' l-2015 lis-Segretarju Ezekuttiv qabel sabiex jigi indentifikat jekk dan ikunx jista' jigi inkluz qabel ikun iffinalizzat il-budget.

Anthony Camilleri semma il-hitan tas-sejjieh ta' Triq San Katald. Is-Sindku spjega li ix-xoghol fuq il-hajt li qed izomm it-triq irid jibda' tiela min isfel u dan sabiex issir bicca xoghol tajba minghajr ma' jinholqu aktar problemi.

**3.0 Performance Bonus ta' l-impjegati**

3.1 Is-Sindku iddikjara li ghandu interess familjari u irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ippresidiet l-Vici Sindku. Il-Kunsill approva l-hlas ta' Performance Bonus lis-Segretarju Ezekuttiv ta' 10% kif ukoll ta' 10% lis-Segretarju Ezekuttiv precedenti ghal perijodu minn Jannar 2014 sas-16 ta' Marzu, 2015.

**4.0 Laqgha Generali Annwali**

4.1 Il-Kunsill qabel li kif diga gie deciz aktar kmieni waqt il-laqgha din ghandha issir nhar il-Erbgha 18 ta' Frar, 2014 fis-6pm.

**5.0 Tigdid ta' Kuntratti**

5.1 Saret diskussjoni dwar il-kuntratti li l-Kunsill ghandu u li jghalqu matul is-sena li huma ta' l-Open Skip, Insurance, Latrina ta' Triq Trux, Infiorata, Kiri ta' Karozza, Refuse Collection.

**6.0 Xogholijiet Progett M313**

6.1 Is-Sindku spjega x-xogholijiet li jirrigwardjaw il-Progett M313 li jinkludu dawl, trakka, fence, tikhil, ecc. Gie spjegat ukoll li l-ground ser ikun tal-qies 51m x 101m u l-*jogging track* ser tkun wisa' 2m. Wara diversi diskussjonijiet li saru f'dawn l-ahhar sentejn kien hemm indikazzjoni li l-Kunsill ser ikollu johrog is-somma ta' €35,000.00 pero' wara li inhargu l-offerti, gie maghzul il-kuntrattur u inhadmet is-somma finali jidher li l-Kunsill ser johrog l-ammont totali ta' €4,000 u li dan ser jithallas f'installment wiehed. Il-Kunsill qabel u approva dan il-hlas.

6.2 Emanuel Muscat staqsa jekk hux *jogging track* jew *walking track*. Gie spjegat li din tista' tintuza fiz-zewg kazijiet.

6.3 Gie spjegat ukoll li qed jigi verifikat jekk isirx dawl fil-genb tat-trakka sabiex meta tkun qed tintuza t-trakka biss tkun tista' tinxtghel din biss u mhux il-ground kollu.

6.4 Il-Kunsill gie infurmat ukoll li l-bierah saret laqgha mall-kuntrattur u l-Perit Edward Scerri fuq il-post sabiex jigu diskussi x-xogholijiet.

6.5 Anthony Camilleri staqsa jekk il-ground tal-football huwiex propjeta' tal-Kunsill u jekk jintuza' minn ohrajn tithallax xi mizata. Gie spjegat li l-Gozo Football Association hareg kuntratt fejn fih jidher indikat li dan jista' jintuza ghal numru ta' sighat pero' irid jigi identifikat min ser ihallas ta' l-uzu tad-dawl u l-ilma.

6.6 Anthony Camilleri staqsa jekk hux ser jigu installati cameras f'din iz-zona. Gie spjegat li hemm il-hsieb li dawn jigu installati.

6.7 Gie spjegat ukoll li l-kuntratt jindika li sa l-ahhar ta' Frar ix-xogholijiet iridu jigu kompluti ghaliex il-Gozo Football Association trid li l-Gharb Rangers F.C. jipprezentaw l-invoices.

6.8 Shirley-Anne Cecchini staqsiet jekk ix-xogholijiet ma jitlestewx fiz-zmien stipulat l-kuntrattur hux ser jehel xi multi. Gie ikkonfermat li iva hemm penali jekk ix-xogholijiet ma jitlestewx fiz-zmien indikat.

6.9 Is-Sindku ippropona l-punti segwenti sabiex jigi imnizzla fil-kuntratt li jrid jigi ippreparat mill-Avukat u iffirmat ma' l-Gharb Rangers F.C.

l-Gharb Rangers F.C. iridu jinfurmaw min ser ikun il-persuna responsabbli f'isem ghall-ground tal-football.

Il-hinijiet li fih ser ikun qed jintuza l-ground ghat-training.

Hinijiet tal-ftuh tal-ground.

Min hu responsabbli mit-tindif.

Rati tad-dawl mall-Gozo Football Association sabiex il-Kunsill ikollu kontroll.

Apparti dan trid tinholoq sistema sabiex il-Kunsill ikun infurmat min qed juza l-ground jew inkellha jehel meter bil-card ghall-uzu tad-dawl u iehor ta' l-ilma mill-Gozo Football Association. Il-Cards ser ikunu jistghu jinxtraw mill-Kunsill.

Is-Sindku spjega ukoll li l-kuntratt li gie iffirmat bejn l-Gharb Rangers F.C. u l-Gozo Football Association jghid li jekk ghal xi raguni t-team ta' l-Gharb Rangers F.C. jisfaxxa l-ground jaqa' ghand il-Gozo Football Association ghall-kumplament ta' l-ghaxar snin. Is-Sindku isugerixxa li jittiehed parir minghand l-Avukat.

Emanuel Muscat staqsa jekk il-kera tistax tghaddi ghand l-Gharb Rangers F.C. ukoll. Is-Sindku spjega li diskussjonijiet li kien hemm fil-passat il-Kunsill qabel li l-kera u dak kollu relatat maz-zona tal-ground tibqa' f'idejn il-Kunsill tal-Gharb peress li din taghmel parti u li fil-passat kien hemm problema dwar din iz-zona.

Il-Kunsill ghandu irid jara dwar il-manutenzjoni tal-ground sabiex jekk jigri xi haga lit-team jekk hux ha jkunu responsabbli l-Gozo Football Association.

Is-Sindku spjega li ghal-laqgha li jmiss ser naraw ikunx possibli li jigi ippreparat il-kuntratt sabiex jigi diskuss ma' l-Gharb Rangers F.C. u dan ikun jinkludi fih kull kuntratt ezistenti.

Gie spjegat ukoll li kif kien gie diskuss is-sena l-ohra l-Gharb Rangers F.C. kienu gew mitluba jaghmlu manutenzjoni tal-ground u l-area tal-madwar u li ghal dan kien hemm renumerazzjoni pero' jekk ser ikunu ghal darb'ohra huma stess li jiehdu hsieb il-manutenzjoni iridu jiehdu r-responsabbilita' sabiex isir xoghol siewi. L-ideajali huwa li jigi ingaggat kuntrattur wiehed li jiehu hsieb iz-zona kolha sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu prezz vantaggjuz.

Emanuel Muscat isugerixxa sabiex il-Gozo Football Association ikunu parti ukoll mill-imsemmi kuntratt.

Shirley-Anne Cecchini staqsiet min ser ikunu responsabbli mill-hsarat. Din il-materja ghadha trid tigi diskussa.

**7.0 Twaqqif ta' Kumitat dwar l-Edukazzjoni u Attivitajiet Kulturali**

7.1 Is-Sindku wera x-xewqa li jitwaqqaf kumitat sabiex tigi diskussa il-*way forward* ta' l-edukazzjoni fil-lokalita' fost ohrajn jigu edukati persuni illitterati jekk ghad baqa' minnhom, persuni barranin u diskussjoni dwar attivitajiet li jigu organizzati matul is-sena.

Amatulli O.

Il-Kumitat ikun jista' jiddiskuti diversi suggetti pero' id-decizjoni finali ovvjament tibqa' tal-Kunsill. F'dan il-kumitat jistghu jigu involuti l-iskola ghall-attivitajiet edukattivi u *crafts*.

Anthony Camilleri staqsa dwar il-Berga, fejn gie spjegat li din ser terga' tinfetah mill-gdid bil-possiblita' li jitwal il-hin minn nofs siegha kulljum ghal hin itwal.

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jipproponu persuni / ghaqdiet li jistghu ikunu parti minn dan il-kumitat. Fost ohrajn issemmew l-iskola, il-Knisja, Crafts Village, Consiglia Azzopardi u xi hadd ghan-nom ta' Ghaqdiet Lokali l-Gharb. Is-Sindku wera' x-xewqa ukoll li Ghaqdiet Lokali Gharb tigi imwaqqfa b'mod propju fejn din ikollha statut, numru tal-Volontarjat, ecc. Bhala Kunsill jista' jsir avviz u jinhargu applikazzjonijiet fejn flimkien jista' jsir pjan sabiex titjieb l-edukazzjoni u attivitajiet. Il-Kumitat ghandu jkollu bejn 5 u 6 membri.

Shirley-Anne Cecchini issuggerit li dan il-kumitat ghandu jinkludi ukoll persuni barranin li jghixu fil-lokalita', kif ukoll xi hadd ghan-nom ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u xi hadd min-naha tas-settur tas-sahha.

7.2 Emanuel Muscat staqsa fir-rigward tas-Survey tal-Housing kienx hemm persuni li kienu interessati. Gie spjegat li kull ma waslu applikazzjonijiet kienu tlieta pero' dawn regghu infetthu u ser jaghlqu fl-20 ta' Jannar, 2015 sabiex naghmlu cert li jintlahaq kulhadd.

L-ideja tas-survey kienet sabiex jigi identifikat jekk kienx hemm interess ghall-housing gewwa l-Gharb.

Anthony Camilleri staqsa jekk ghadx baqa' zoni li jistghu jintuzaw ghall-housing. Gie spjegat li ghad baqa' zona fejn il-ground tal-football.

**8.0 Partecipazzjoni mall-Ghaqdiet f'Attivitajiet Kulturali**

8.1 Is-Sindku spjega li matul is-sena l-Kunsill jircievi diversi talbiet minghand l-Ghaqdiet Lokali sabiex jigu organizzati attivitajiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku isugerixxa li tintbghat ittra lill-NGO's Lokali u jigu mitluba fejn huma qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-attivitajiet li ser jorganizzaw matul is-sena sabiex wara l-Kunsill ikun jista' jidentifika kif jista' joffri l-kollaborazzjoni tieghu. Saret diskussjoni jekk din l-applikazzjoni ghandiex tithalla miftuha jew inkellha jinghata xi tip ta' *threshold*.

Emanuel Muscat qal li huwa ta' l-opinjoni li l-ewwel naraw l-htigijiet taghhom u wara naraw x'jista' jigi offrut sabiex kemm jista' kulhadd jinghata l-istess ghajnuna. Suggeriment iehor li semma' l-Kunsill huwa li jsir budget ta' per ezempju €200 u wiehed jara x'tista' taghmel kull NGO x'proposta tissotmetti dwar dak li jista' jsir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill.

Il-Vici Sindku issugeriet li tigi inkluza ukoll l-iskola. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Is-Sindku staqsa dwar kif il-Kunsilliera jahsbu li ghandhom jigu identifikati l-NGO's tar-rahal peress li uhud minnhom ghandhom tahthom sotto-kumitati.

Shirley-Anne Cecchini qalet li hija ta' l-opinjoni li s-sotto-kumitati jirrispondu lill-kumitat principali. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jitratta lil kulhadd l-istess.

Emanuel Muscat qal li dawn ghandhom ikunu attivitajiet/progetti principali sabiex tinqata' l-problema ta' sotto-kumitat u kumitat principali.

Il-Kunsill iddecieda li dawk l-NGO's li ghandhom jigu inkluzi iridu ikunu l-Iskola Primarja, Kumitat tal-Festa, Centru Parrokkjali Gharb, l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u l-Gharb Rangers F.C. fejn il-Kunsill qabel ukoll li jivvota s-somma ta' €500 ghal kull kollaborazzjoni ma' kull ghaqda jigifieri total ta' €2500. Ovvjament dan huwa kollu suggett ghal aktar diskussjoni fil-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel ukoll li kull NGO ghandu tkun responsabbli u toffri servizz tajjeb ghall-flus li qed bihom jintuzaw sabiex issir kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali fl-attivitajiet li huma ser jorganizzaw.

8.2 Saret disskussjoni dwar is-serata tal-karnival. Kien maqbul li dan ghandu jigi organizzat il-Gimgha 6 ta' Frar, 2015.

## 9.0 Skeda ta' Pagamenti

9.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

9.2 Il-Kunsill approva ukoll l-hlas ta' €82 bhala ikel ghall-attivita' tal-Milied li saret b'kollaborazzjoni mall-Parrocca u l-allowance ta' €3200 tal-Kunsilliera li tinghata f'Dicembru.

## 10.0 Materji ohra

10.1 Is-Sindku spjega li giet imnedija skema ghall-Progetti Kapitali fejn il-Gvern Centrali ghandu allokat is-somma ta' €1,000,000 li ser jitqassmu fi progetti ippreparati mill-Kunsill Lokali Maltin u Ghawdxin. Kull progett ma jridx ikun inqas minn €100,000 ghax inkellha ikunu ineleggibli. Gie spjegat ukoll li huwa importanti li l-progetti ikunu self sufficient. Din l-iskema ser taghlaq fit-30 ta' Jannar, 2015.

Gew diskussjoni l-progetti li jistghu jigu sottomessi mill-Kunsill li huma:-

Zona wara l-ground tal-football bhala zona ta' playing area.
Barriera tal-Qsajjem li tinbidel f'Agriturizmu.
Night Shelter
Il-progett tal-Pannelli fejn il-Ground tal-football li jinhadem b'sistema ta' PPP.
PPP fir-rigward tar-resurfacing tat-toroq.

Emanuel Muscat isugerixxa ukoll ic-Centru Civiku sabiex tinghata ghajnuna u b'hekk jithallas il-loan.

Gie spjegat ukoll li jridu jsiru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali peress li sabiex inhareg avviz li sabiex jigu sottomessi applikazzjonijiet quddiem il-MEPA jridu l-ewwel jigi infurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bis-sottomissjoni tal-Progetti u fejn hu l-kaz isiru l-applikazzjonijiet mall-MEPA.

10.2 Is-Sindku spjega li fir-rigward tat-telephone box tal-Pjazza l-MEPA qablet sabiex isirilha r-restawr taghha qabel terga' tehel. Ir-Restawr jikkonsisti f'sandblasting li jammonta ghal €500 u li dan irid isir mill-Kunsill u z-zebgha issir min-naha tal-GO plc. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bir-restawr taghha.

10.3 Il-Vici Sindku qalet li quddiem numru 176, Sqaq il-Fgura kien hemm cement li inqala u hemm bzonn li jsir manutenzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir il-manutenzjoni mehtieg.

## 11.0 Korrispondenza

11.1 Gie tratta l-ko-finanzjament agreement ta' l-OBIMED ghall-flus li l-Kunsill diga irceiva bhala ghajnuna ta' ko-finanzjament ghall-proegett imsemmi. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi iffirmat.

11.2 Giet trattata membership minghand l-ECAD. Il-Kunsill qabel li dan il-membership ghandu jithallas.

11.3 Korrispondenza minghand l-Arcipriet ghall-kollaborazzjoni sabiex isir il-party tal-Milied ghat-tfal.

11.4 Kwotazzjoni li tammonta ghal €975 minghand Fantin Metal Works sabiex issir grada tal-hadid galvanizzat bhala bieba tas-shelter peress li bhalissa qeghda tinghalaq bi slabs tal-porfido u din qeghda tkun tqila wisq u ta' diffikulta'. Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni.

11.5 Korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat bl-allokazzjoni ghas-sena 2015 li tammonta ghal €211,802

11.6 Korrispondeza bic-certifikati tal-MCCAA tal-Playing Fields ta' l-Gharb.

11.6 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-kompetizzjoni ghall-Monument ta' l-Isqof N.G. Cauchi kien hemm biss interess minn artist wiehed li kien is-Sur Adonai Camilleri Cauchi fejn tefa' l-proposta' u disinn tieghu. Ix-xoghol tas-Sur Camilleri Cauchi kien jammonta ghal €9,600 u jekk isir tar-resin il-mudell ikun jista' jitpogga f'post iehor u jintuza ukoll.

Anthony Camilleri staqsa dwar fejn kien il-pjan li jitpogga. Gie spjegat li dan kien ser jitpogga flok dak ta' l-Isqof M. Molina fil-Pjazza.

Id-disinn fih tlett signifikati wahda li hija l-Isqof N.G. Cauchi, iehor li jfakktar Jum l-Gharb u iehor tal-Gwerra. Dan huwa proposta tad-disinn u jista' jsir xi bdil skond kif jiddeciedi s-sotto kumitat u l-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha tas-sotto-kumitat nhar il-Gimgha 16 ta' Jannar fil-5.30pm.

11.7 Is-Sindku qal li kien infurmat mis-Sur Carmel Attard resident li joqghod il-pjazza dwar diskussjoni li saret waqt laqgha tal-Kunsill fir-rigward ta' twahhil ta' Locality Sign quddiem l-garage tieghu. Is-Sindku zied jghid li kien infurmat li Emanuel Muscat tkellem ma' l-istess Attard u rreferielu li waqt laqgha Muscat qallu li huwa biss ogezzjona li din titpogga quddiem il-garage tieghu.

Emanuel Muscat innega li huwa qal dan il-kliem lis-Sur Attard u li ghandu jingab il-Kunsill sabiex issir konfront mieghu.

Is-Sindku qal li huwa ma ihossx li ghandu jghajjat lill-Attard pero' irrisponda lill-Muscat li jekk irid jista' jistiednu huwa ghal-laqgha u jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv meta u jekk ikunx ser jattendi.

## 12.0 Aggornament

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 18 ta' Frar, 2015 fit-5pm.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 3.40pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv